

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrenti huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-70/10, Feralpi Holding Spa vs Il-Kummissjoni, u T-83/10, Riva Fire Spa vs Il-Kummissjoni.

Ir-rikorrenti ssosnti b'mod partikolari:

in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tissanzjona l-ksur tal-Artikolu 65 tat-Tratta KEFA wara l-iskadenza tiegħu u, f'kull każ, sabiex tuża, bħala bażi legali, l-Artikoli 7(1) u 23(2) tar-Regolament KE 1/2003 <sup>(1)</sup>;

il-ksur tad-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti waqt il-proċedura amministrattiva, sa fejn il-Kummissjoni ma bagħtitx dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida u llimitat ruħha li tinnotifika permezz ta' ittra l-intenzjoni tagħha li tadotta d-deċiżjoni mill-ġdid. L-Istat Membri la ma nstemgħu u lanqas ma pparteċipaw f'seduta finali, barra minn hekk, ir-rikorrenti tqiegħdet f'sitwazzjoni li fiha kien impossibbli li ssosnti l-punt tagħha rigward tal-adozzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni;

il-ksur tal-Artikolu 65(1) tat-Trattat KEFA, sa fejn il-fatti deskritti fid-deċiżjoni ma jikkostitwux ftehim uniku u kontinwu;

il-ksur tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti taħt l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, kif ukoll il-ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità fil-kuntest tal-eżami tal-aġir tar-rikorrenti u tal-iffissar tal-ammont tal-multa.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8 Vol. 2, p. 205).

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2010 — Chestnut Medical Technologies vs UASI (PIPELINE)**

(Kawża T-87/10)

(2010/C 100/98)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Chestnut Medical Technologies, Inc. (Menlo Park, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Kunz-Hallstein, H. Kunz-Hallstein, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-10 ta' Diċembru 2009, fil-Każ R 968/2009-2; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "PIPELINE" għal prodotti fil-klassi 10

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell żbalja meta kkonstata li t-trade mark Komunitarja kkonċernata għandha karattru deskrittiv; ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell, billi injora l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, kiser l-obbligu ta' motivazzjoni li fuqha għet ibbażata d-deċiżjoni.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Frar 2010 — Ir-Repubblika tal-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża T-89/10)

(2010/C 100/99)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Ungerija (rappreżentanti: J. Fazekas, M.Z. Fehér, K. Szijjártó, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea